

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 17.3.2010
KUMM(2010)102 finali

2010/0059 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT (KE) Nru .../... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' [...]

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru No 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta'
finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni (OSK) għall-banana fl-Unjoni Ewropea (UE) tradizzjonalment ipprovdiet reġim ta' kummerċ preferenzjali favur il-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) li qegħdin jesportaw il-banana. Għal diversi stati tal-AKP, il-produzzjoni tal-banana għal esportazzjoni lejn l-UE tirrappreżenta attività ekonomika importanti b'effetti multiplikaturi għall-bqija tal-ekonomija.

L-OSK tal-UE għall-banana ilha tiġi sfidata mill-1995 permezz tal-Mekkaniżmu għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), u d-deċiżjonijiet mill-Korp tal-Appell tagħha nqatgħu kontriha ripetutament. Għaldaqstant, l-UE nnegożjat ftehim ta' kummerċ dwar il-banana fi ħdan il-qafas tal-WTO. Dan isostni t-tlestija tal-modalitajiet agrikoli tal-Aġenda għall-Iżvilupp ta' Doha (AID) u ċ-Ċiklu sħiħ ta' Doha. L-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim se twassal għal tnaqqis fil-marġni preferenzjali tal-pajjiżi AKP.

Sabiex jiġi sostenut żvilupp sostenibbli, tnaqqis fil-faqar u biex tiġi promossa l-integrizzjoni gradwali tal-pajjiżi AKP li qegħdin jesportaw il-banana fl-ekonomija globali, l-UE pprovdiet assistenza għas-setturi tal-banana f'numru ta' pajjiżi permezz tas-Sistema Speċjali ta' Assistenza (SSA, 1994-1999¹ u l-Qafas Speċjali ta' Assistenza (QSA, 1999-2008²). Il-QSA operat fi tnaqqis il-pajjiż tal-AKP li qegħdin jesportaw il-banana³ u skadiet f'Diċembru 2008 L-evalwazzjoni esterna tal-QSA tiġbed l-attenzjoni lejn ir-riżultati pożittivi, kif instqarr fl-abbozz tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rapport ta' kull Sentejn dwar il-Qafas Speċjali ta' Assistenza fir-rigward tal-fornituri tradizzjonali tal-banana fil-pajjiżi tal-AKP. Ċerti pajjiżi rnexxielhom issa hhu l-kompetittività tagħhom, u dan ġie rifless fil-volumi stabbli ta' banana li ġew esportati mill-pajjiżi tal-AKP u s-sehem li għandu s-suq tal-UE. Madanakollu, l-ispejjeż għall-produzzjoni fil-pajjiżi tal-AKP baqgħu, b'mod ġenerali, oġhla minn dawk tal-pajjiżi tan-Nazzjon l-Aktar Preferut (NAP). Ir-riżultati tal-miżuri għas-sostenn tad-diversifikazzjoni huma anqas ovvj u se jirrikjedu aktar sforzi.

Tnaqqis fit-tariffi preferenzjali għall-pajjiżi tal-AKP li qegħdin ifornu l-banana se jwassal għal rekwiżiti ta' aġġustament addizzjonali, billi jibni fuq il-proċessi ta' adattament u ristrutturar li għaddejjin. B'kunsiderazzjoni għal dawn l-isfidi, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li toħloq programm dwar Miżuri ta' Akkumpanjament għall-pajjiżi tal-AKP involuti fil-kummerċ tal-Banana (MAB) għall-pajjiżi ewlenin tal-AKP li qegħdin ifornu l-banana.

Il-miżuri, li għandhom jiġu adottati taħt dan il-programm, huma mmirati biex isostnu l-aġġustament ta' oqsma dipendenti fuq l-esportazzjonijiet tal-banana permezz ta' sostenn mill-baġit jew intervenzjonijiet speċifiċi. Il-miżuri ser isostnu l-adattament għal impatti akbar (pe. impatti soċjali u ambjentali), politiki ekonomiċi dwar diversifikazzjoni, jew investimenti għat-titjib tal-kompetittività, fejn din hija strateġija vijabbli. Dawn se jikkunsidraw ir-riżultati tas-Sistema Speċjali ta' Assistenza u l-Qafas Speċjali ta' Assistenza kif ukoll l-esperjenzi miksuba minnhom.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2686/94 tal-31 ta' Ottubru 1994.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1609/1999.

³ Il-Belize, il-Kameru, Cape Verde, Côte d'Ivoire, Dominica, il-Ġamajka, il-Madagascar, Santa Luċija, San Vincenz u l-Grenadini, is-Somalja, u s-Surinam.

Il-Miżuri ta' Akkumpanjament marbutin mal-Banana ġew proposti bħala programm temporanju b'dewmien massimu ta' erba' snin (2010-2013). Se jkollhom baġit ta' €190 miljun u se jkunu regolati minn Regolament li Jemenda l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp.

Proposta għal

REGOLAMENT (KE) Nru .../... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru No 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁵,

Wara t-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali,

B'aġir skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea (UE), bħala parti kontrattenti tal-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), hija impenjata li tissimplifika l-kummerċ fi strateġiji għall-iżvilupp u biex tippromwovi l-kummerċ internazzjonali sabiex isir progress fl-iżvilupp u fit-tnaqqis tal-faqar madwar id-dinja kollha.
- (2) L-UE ssostni l-Grupp ta' Stati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) fit-triq tagħhom lejn tnaqqis fil-livell ta' faqar u żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli, u tagħraf l-importanza tas-setturi tagħhom tal-komoditajiet.
- (3) L-UE hija impenjata li ssostni l-integrazzjoni bla xkiel u gradwali tal-pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw, fl-ekonomija dinjija bl-għan li jkun hemm żvilupp sostenibbli. Il-pajjiżi tal-AKP prinċipali li qegħdin jesportaw il-banana jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' sfidi fil-kuntest ta' arranġamenti tal-kummerċ li dejjem qegħdin jinbidlu, notevolment bħala konsegwenza tal-liberalizzazzjoni tan-Nazzjon l-Aktar Preferut (NAP) fil-qafas tal-WTO. Għalhekk programm AKP dwar il-Miżuri ta' Akkumpanjament marbutin mal-Banana għandu jizjed mar-Regolament eżistenti

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

(KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp⁶

- (4) Il-miżuri finanzjarji ta' assistenza li għandhom jiġu adottati taħt dan il-programm għandhom ikunu mmirati biex isostnu l-adozzjoni u/jew ir-ristrutturar ta' żoni li jiddependu fuq l-esportazzjoni tal-banana permezz ta' sostenn mill-baġit immirat lejn setturi speċifiċi jew intervenzjonijiet immirati lejn proġetti partikolari. Il-miżuri għandhom ikunu mmirati biex jipprovdu politiki soċjali dwar il-kapaċità ta' rkupru, diversifikazzjoni ekonomika jew investment għat-titjib tal-kompetittività, fejn din hija strateġija vijabbli, b'kunsiderazzjoni għar-riżultati u tal-esperjenzi miksuba permezz tas-Sistema Speċjali ta' Assistenza għall-fornituri tradizzjonali tal-banana mill-pajjiżi tal-AKP⁷ u l-Qafas Speċjali ta' Assistenza għall-fornituri tradizzjonali tal-banana mill-pajjiżi tal-AKP⁸
- (5) Il-programm għandu jakkumpanja l-proċess tal-adozzjoni fil-pajjiżi tal-AKP li esportaw volumi sinifikanti ta' banana lill-UE f'dawn l-aħħar snin u li se jiġu affettwati mill-liberalizzazzjoni fil-qafas tal-WTO⁹ Il-programm jibni fuq il-Qafas Speċjali ta' Assistenza (QSA) għall-fornituri tradizzjonali tal-banana mill-pajjiżi tal-ACP. Il-programm huwa konformi mal-obbligi internazzjonali tal-UE fil-qafas tal-WTO u huwa ċar li għandu natura li tirruttura u b'hekk temporanja, b'dewmien massimu ta' erba' snin (2010-2013),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b' dan li ġej:

"Artikolu 4

Implimentazzjoni tal-assistenza mill-Unjoni

B'mod konsistenti mal-fini, l-ambitu u l-għanijiet globali u mal-priċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni għandha tiġi implimentata permezz ta' programmi ġeografiċi u tematiċi stipulati fl-Artikoli 5 sa 16 u fil-programmi stipulati fl-Artikolu 17 u 17a."

- (2) L-Artikolu 17a li ġej huwa inserit:

"Artikolu 17a

Il-pajjiżi prinċipali tal-AKP li qegħdin ifornu l-banana

⁶ ĠU L 378, 27.12.2006, p.41.

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2686/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 (ĠU L 286, tal-5.11.1994, p. 1).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 tat-22 ta' April 1999 (ĠU L 108, 27.04.1999, p.2) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1609/1999 tat-22 ta' Lulju 1999 (ĠU L 190, 23.7.1999, p.14).

⁹ [Daħħal ir-referenza għall-Ftehim ta' Firma dwar Negożjati dwar il-Kummerċ]

1. Pajjiżi tal-AKP elenkati fl-Anness IIIa li qegħdin ifornu l-banana se jibbenefikaw mill-miżuri ta' akkumpanjament marbutin mal-banana. Assistenza mill-Unjoni għal dawn il-pajjiżi se tkun immirata biex issostni l-proċess ta' aġġustament tagħhom wara l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-banana tal-UE fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ. L-assistenza mill-Unjoni għandha tiegħu kont tal-politiki u l-istrateġiji ta' adattament tal-pajjiżi u għandha tagħti attenzjoni speċifika lill-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin:
 - (a) it-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur tal-esportazzjoni tal-banana, fejn dan huwa sostenibbli, b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni tal-partijiet interessati differenti fil-katina;
 - (b) il-promozzjoni tad-diversifikazzjoni ekonomika fiż-żoni dipendenti mill-esportazzjoni tal-banana;
 - (c) li jiġu indirizzati impatti usa' ġġenerati mill-proċess ta' adattament, possibbilment relatat, iżda mhux ristrett, mal-impjieg u s-servizzi soċjali, mal-użu tal-art u r-restawr ambjentali, u l-istabbiltà makro-ekonomika.
2. Fi ħdan l-ammont imsemmi fl-Anness IV, il-Kummissjoni se tfassal l-ammont massimu disponibbli għal kull pajjiż eliġibbli tal-AKP li qiegħed iforni l-banana biex bih jiġu ffinanzjati l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi ta' sett ta' indikaturi tal-għanijiet. L-indikaturi se jinkludu l-kummerċ tal-banana mal-UE; l-importanza tal-esportazzjonijiet tal-banana għall-ekonomija tal-pajjiż tal-AKP ikkonċernat; il-livell ta' żvilupp tal-pajjiż. Il-kejl tal-kriterji ta' allokkazzjoni għandu jkun ibbażat fuq dejta mis-snin qabel l-2009.
3. Il-Kummissjoni għandha todotta strateġiji ta' sostenn multiannwali permezz ta' analoġija għall-Artikolu 19, b'konformità mal-Artikolu 21. Għandha tiżgura li tali strateġiji jikkumplimentaw id-dokumenti ġeografiki strateġiċi tal-pajjiżi kkonċernati, u n-natura temporanja ta' dawn il-miżuri ta' akkumpanjament marbutin mal-esportazzjoni tal-banana. L-istrateġiji ta' sostenn jistgħu jiġu riveduti ad hoc, jekk neċessarju, iżda mhumiex se jiġu sottomessi għal reviżjoni f'nofs it-terminu"

(3) L-Artikolu 21 huwa sostitwit b' dan li ġej:

"Artikolu 21

L-adozzjoni ta' dokumenti ta' strateġija ġeografika u tal-programmi indikattivi multiannwali

Id-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multiannwali msemmija fl-Artikoli 19 u 20, u kwalunkwe reviżjoni tagħhom imsemmija fl-Artikolu 19(2) u fl-Artikolu 20(1), kif ukoll miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 17 u 17a rispettivament, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 35(2).

(4) Fl-Artikolu 29, paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. L-impenji baġitarji għandhom isiru fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikoli 17a (3), 22(1), 23(1) u 26(1)."

(5) Fl-Artikolu 31(1), it-tielet subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-parteċipazzjoni fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' għotja ffinanzjati minn programm tematiku kif definit fl-Artikoli 11 sa 16, u l-programmi stabbiliti fl-Artikoli 17 u 17a, għandha tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi kollha li huma ċittadini ta' pajjiż li qiegħed jiżviluppa jew għall-persuni legali li huma stabbiliti fih, kif speċifikat mill-OECD/DAC u fl-Anness II, flimkien ma' persuni fiżiċi jew legali eliġibbli permezz tal-programm tematiku jew il-programmi stipulati fl-Artikoli 17 u 17a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-Anness II f'konformità mar-reviżjonijiet regolari tal-lista tar-riċevituri ta' għajjuna tal-OECD/DAC, u għandha tgħarraf lill-Kunsill b'dan.

(6) Fl-Artikolu 38, il-paragrafi (1) u (2) huma sostitwiti b'dan li ġej:

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tul il-perjodu 2007-2013 huwa EUR 17 087 miljun.
2. L-ammonti indikattivi allokatati għal kull programm imsemmi fl-Artikoli 5 sa 10 u 11 sa 16 u 17 sa 17 a huma stipulati fl-Anness IV. Dawn l-ammonti ġew stabbiliti għall-perjodu 2007-2013."

(7) L-Anness IIIa, kif jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, huwa inserit.

(8) L-Anness IV huwa sostitwit bil-kontenut tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ [...] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

"ANNEX IIIa

IL-PAJJIŻI PRINĊIPALI TAL-AKP LI QEGĦDIN IFORNU L-BANANA

1. Il-Beliże
2. Il-Kamerun
3. Il-Kosta tal-Avorju
4. Dominika
5. Ir-Repubblika Dominikana
6. Il-Gana
7. Il-Ġamajka
8. Santa Luċija
9. Saint Vincent u l-Grenadines
10. Is-Surinam"

ANNEX II

"ANNEX IV

ALLOKAZZJONIJIET FINANZJARJI INDIKATTIVI GĦALL-PERJODU 2007-2013 (F'MILJUNI TA' EUR)

Totali	17 087
<i>Programmi ġeografiċi:</i>	<i>10 057</i>
L-Amerika Latina	2 690
L-Asja	5 187
L-Asja Ċentrali	719
Il-Lvant Nofsani	481
L-Afrika t'Isfel	980
<i>Programmi tematiċi:</i>	<i>5 596</i>
Investiment fin-nies	1 060
Ambjent u ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali	804
Atturi mhux statali u awtoritajiet lokali fl-iżvilupp	1 639
Sigurtà alimentari	1 709
Migrazzjoni u ażil	384
<i>Il-pajjiżi tal-akp tal-protokoll taz-zokkor:</i>	<i>1 244</i>
<i>Il-pajjiżi prinċipali tal-akp li qegħdin ifornu l-banana</i>	<i>190"</i>

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Miżuri ta' akkumpanjament għal pajjiżi prinċipali tal-Afrika, il-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) li qegħdin ifornu l-banana.

2. QAFAS ABM / ABB

Il-Qasam/L-Oqsma tal-Politika konċernat/i u l-Attività/Attivitajiet assoċjati:

21 (Żvilupp)

3. LINJI BAĠITARJI

3.1. Il-linji tal-baġit (linji operattivi u linji tekniċi u ta' assistenza amministrattiva relatati (linji ex-B.A)) inklużi l-intestaturi:

Il-linji proposti:

21.06.07 (Miżuri ta' Akkumpanjament marbutin mal-esportazzjoni tal-Banana)

21.01.04.01 (Strument għall-Iżvilupp tal-Kooperazzjoni - Infq fuq ġestjoni amministrattiva)

Il-miżuri proposti se jiġu ffinanzjati bl-użu tal-marġini tal-intestatura 4 u permezz tal-mobilizzazzjoni mill-ġdid fi ħdan l-intestatura 4.

3.2. It-tul ta' żmien tal-ħidma u tal-impatt finanzjarju:

It-tul taż-żmien ser ikun is-snin baġitarji 2010-2013; l-ammont previst huwa €190 miljun.

F'ittra bid-data tal-15 ta' Diċembru 2009 lill-koordinatur għall-pajjiżi tal-AKP rigward l-esportazzjoni tal-banana l-Ministru Luc Magloire Mbarga mill-Kamerun, il-Kummissarji Benita Ferrero-Waldner u Karel De Gucht semmew programm ta' ammont massimu ta' €200 miljun biex bih tingħata assistenza lill-pajjiżi prinċipali tal-AKP li qegħdin ifornu l-banana fil-proċess ta' adattament u ristrutturar tagħhom li jirriżulta minn rati tariffarji li qegħdin jinbidlu. Huma indikaw li flimkien mal-ammont ta' €190 miljun, il-Kummissjoni kienet lesta li teżamina - flimkien mal-awtoritajiet baġitarji – il-possibbiltà li jżidu fuq dan l-ammont €10 miljun fil-każ li l-krediti korrispondenti kellhom isiru disponibbli matul il-proċeduri annwali tal-baġit.

3.3. Karatteristiċi tal-baġit

Linja baġitarja	Tip ta' nfiq	Ġdida	Kontribuzzjoni tal-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva
-----------------	--------------	-------	-------------------------	--	-----------------------------

						finanzjarja
21.06.07	Obbligatorj u/ Mhux obbligatorj u.	Diff/ ¹⁰	IVA	LE	LE	Nru 4
21.01.04. 01	Obbligatorj u/ Mhux obbligatorj u.	Mhux diff ¹¹	LE	LE	LE	Nru 4

¹⁰ Approprijazzjonijiet differenzjati.

¹¹ Approprijazzjonijiet mhux differenzjati minn hawn 'il quddiem imsejħa AMD

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Ir-riżorsi finanzjarji

4.1.1. Sommarju tal-appropriazzjonijiet għall-impenji (AI) u tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

It-tip ta' nfiq	In-nru tat-Taqsima		Sena 2010	2011	2012	2013	n +4*	n + 5 u aktar tard*	Totali
Infiq operattiv¹²									
Appropriazzjonijiet għall-Impenji (AI)	8.1.	a	75	43	41	31			190
Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (AH)		b		30	30	40	*	*	100*
Infiq amministrattiv fi ħdan l-ammont ta' referenza¹³									
Għajjnuna teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c	0.217	0.750	0.950	0.700	*	*	2.617*

AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

Appropriazzjonijiet għall-Impenji		a+c	75.217	43.75	41.95	31.70	*	*	192.617*
L-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet		b+c	0.217	30.75	30.95	40.70	*	*	102.617*

Infiq amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza¹⁴

Ir-riżorsi umani u l-infiq assoċjat (AMD)	8.2.5.	d	0.043	0.128	0.128	0.128	*	*	0.427*
L-ispejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6.	e		0.02	0.02	0.02			0.06*

It-total indikattiv tal-ispejjeż finanzjarji għall-intervent

It-TOTAL tal-AI, inkluż l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c+d+e	75.26	43.898	42.098	31.848	*	*	193.04*
IT-TOTAL tal-AI inkluż l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c+d+e	0.26	30.898	31.098	40.848	*	*	103.104*

¹² Infiq li ma jaqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx konċernat.

¹³ Infiq fi ħdan l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

¹⁴ L-infiq fi ħdan il-Kapitolu xx 01 għajr għall-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

* Sabiex jitwettaq il-programm ta' azzjoni kif ukoll isiru l-ħlasjiet relatati lil hinn mill-2013, il-proposti għall-allokazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' infiq amministrattiv ta' sostenn se jsiru fi ħdan il-qafas tal-perspettivi finanzjarji li ġejjin, li jibdew mill-2014.

Dettalji ta' kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolveja kofinanzjament mill-Istati Membri, jew korpi oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella hawn taħt (jistgħu jiżdiedu linji addizzjonali jekk jiġu previsti korpi differenti għall-proviżjoni tal-kofinanzjament):

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Korp tal-kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u aktar tard	Total
.....	f							
TOTAL tal-AI inkluż il-kofinanzjament	a+c +d+ e+f							

4.1.2. Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

- Il-proposta hija kumpatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- Il-proposta se tkun teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali¹⁵ (jiġifieri strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

NB: Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-metodu tal-kalkolu tal-effett fuq id-dħul għandhom jintwerew f'anness separat.

Miljuni ta' EUR (sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja	Id-dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
			[Is- sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] ¹⁶

¹⁵ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

¹⁶ Kolonni addizzjonali għandhom jiżdiedu jekk meħtieġ, jiġifieri, jekk it-tul tal-azzjoni teċċedi s-6 snin.

	a) <i>Dħul f'termini assoluti</i>					
	b) <i>Bdil fid-dħul</i>	Δ				

4.2. Riżorsi Umani FTE (inklużi l-uffiċjali, u l-impjegati temporanji u esterni) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4*	n + 5 u aktar tard*
Għadd totali ta' riżorsi umani	2.3	7	7	7		

* Sabiex jitkompla l-programm ta' azzjoni kif ukoll isiru l-ħlasijiet lil hinn mill-2013.

4.3. Il-finanzjament tal-Miżuri

Il-Programme se jiġi ffinanzjat permezz ta' approprjazzjonijiet taħt l-Intestatura għall-Infiq 4 ("L-UE bħala parteċipanta Globali). Huwa propost li tintuża parti mill-marġni disponibbli taħt din l-intestatura li tammonta għal €75.9 miljun. Is-servizzi tal-Kummissjoni evalwaw id-disponibbiltà tal-fondi matul il-perjodu 2010-2013 sabiex ikunu aċċertati l-possibilitajiet ta' mobilizzazzjoni mill-ġdid minħabba n-nuqqas ta' utilizzazzjoni potenzjali, limitazzjonijiet ta' assorbiment u/jew ċirkustanzi politiċi. L-analiżi twassal għal proposta dwar mobilizzazzjoni mill-ġdid ta' €95.8 miljun taħt l-Intestatura 4. Għall-bqija tad-distakk (€18.3 miljun) il-Kummissjoni tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Jeħtieġu li jiġu ssodisfatti fuq perjodu ta' żmien qasir jew fit-tul

Għal terminu ta' żmien qasir: Dawn il-miżuri jindirizzaw il-bżonnijiet ta' poplazzjonijiet fiż-żoni dipendenti fuq il-kummerċ tal-banana fil-grupp ta' stati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku li esportaw fuq medja aktar minn 10,000 tunellata banana lejn l-Unjoni Ewropea matul l-aħħar għaxar snin u se jintlaqtu ħażin mit-tibdil li sar fir-rati tariffarji tal-UE marbutin mal-importazzjoni tal-banana.

5.2. Valur miżjud tal-involvement tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli

Il-proposta tistabilixxi miżuri marbutin biż-żmien biex jiġi ffaċċjat it-tnaqqis fir-rati tariffarji. Il-miżuri se jikkumplimentaw strumenti eżistenti esterni dwar il-kooperazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Unjoni, u se jibnu fuq l-esperjenza komuni tal-UE u tas-sħab tagħha dwar miżuri ta' sostenn iffinanzjati permezz tal-Qafas Speċjali ta' Assistenza għall-pajjiżi tradizzjonali tal-AKP li qegħdin ifornu l-banana. Is-sinerġiji se jinkisbu l-aktar billi jiġi żgurat li l-miżuri implimentati jkunu konformi mal-istrateġiji tal-UE dwar l-assistenza għall-pajjiżi.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati mal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM

L-għanijiet se jkunu li jinżammu jew jitjiebu l-livell ta' għixien tan-nies li qegħdin jgħixu f'żoni dipendenti fuq il-kummerċ tal-banana f'pajjiżi tal-AKP li jfornu l-banana, li se jiġu affettwati mit-tibdil fir-rati tariffarji tal-UE marbutin mal-importazzjoni tal-banana. Il-miżuri huma mmirati biex isolvu impatti ta' adattament (soċjali, ekonomiċi u ambjentali) aktar usa, lejn d-diversifikazzjoni ekonomika jew lejn is-sostenn tal-investimenti għat-titjib tal-kompetittività tal-industrija tal-banana meta din hija strateġija vijabbli.

Ir-riżultati mistennija huma:

- F'pajjiżi fejn l-għanijiet jinkludu diversifikazzjoni ekonomika: stabilizzazzjoni jew żieda fid-dħul tal-familji u/jew tnaqqis fir-rata tal-faqar ta' (eks) ħaddiema fil-kummerċ tal-banana u l-familji tagħhom (li se tkun riflessjoni tal-fatt li tnaqqis fl-esportazzjonijiet tal-banana lejn l-UE mhux se tolqot ħażin l-ekonomija tal-pajjiż u/jew il-popolazzjoni li ġiet affettwata l-aktar)
- F'pajjiżi fejn l-għanijiet se jippruvaw jinkisbu permezz ta' investimenti li jagħtu spinta lill-kompetittività tagħhom: stabilizzazzjoni jew żieda fl-esportazzjonijiet tal-banana (il-volum) lejn l-UE u/jew lil pajjiżi oħra

L-indikaturi li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma:

- Id-dħul tal-familji f'żoni dipendenti fuq il-kummerċ tal-banana (sors tad-dejta: l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika)
- DGN għal kull individwu (sors tad-dejta: L-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika jew il-Bank Dinji; sena bażi: 2008)
- Rata ta' faqar f'(eks) żoni fejn qegħdin jipproduċu l-banana (sors tad-dejta: L-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika, il-kejl tal-faqar għandu jiġi standardizzat u kumparabbli maż-żmien; meta l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika ma jipprovdu l-ebda dejta għaż-żoni dipendenti fuq il-kummerċ tal-banana, għandhom jintużaw indikaturi alternattivi u kumparabbli; fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikatur kumparabbli, għandu jintuża l-Indiċi tal-NU għall-Iżvilupp Uman)
- L-esportazzjonijiet tal-Banana lejn is-suq tal-UE (f'volum u valur, imkejla bħala importazzjonijiet tal-UE; sors tad-dejta: Eurostat, Comext)
- Esportazzjonijiet tal-banana lil pajjiżi oħra (minbarra l-UE; sors tad-dejta: li għandhom jiġu stabbiliti, fin-nuqqas ta' dejta kumparabbli armonizzata għandhom jintużaw l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika)

5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

Uri hawn taħt il-metodu(i)¹⁷ magħżul(a) għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

- Ġestjoni ċentralizzata***
 - direttament mill-Kummissjoni
 - indirettament b'delega lil:
 - Aġenziji eżekuttivi
 - korpi stabbiliti mill-Komunitajiet skont l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju
 - korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku
- Amministrazzjoni maqsuma jew deċentralizzata***
 - ma' Stati Membri
 - ma' Pajjiżi Terzi
- Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika liema)***

Kummenti rilevanti:

Il-modalitajiet ta' implimentazzjoni se jkunu speċifiċi għal kull pajjiż u mfassla b'rabta mal-istrateġija ta' rispons magħżula

¹⁷

Jekk huwa indikat aktar minn metodu wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji addizzjonali fit-taqsimat tal-"Kummenti rilevanti" ta' dan il-punt

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Il-monitoraġġ se jsir mill-Kummissjoni, fejn ser isir użu tal-informazzjoni miġbura mid-Delegazzjonijiet tal-UE u mill-uffiċċji tal-istatistika nazzjonali u l-ministeri parralleli rilevanti. Dan se jiddependi fuq it-tip ta' mekkaniżmu għall-għoti tas-sostenn f'kull pajjiż (sostenn mill-baġit jew minn programm).

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

L-impatt tat-tibdiliet fl-iskedi tat-tariffi tal-banana li x'aktarx se jolqot il-pajjiżi tal-AKP li qegħdin ifornu l-banana u li jiddependu fuq is-suq tal-UE ġie analizzat mis-servizzi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, saret evalwazzjoni esterna tal-programm ta' sostenn preċedenti, Il-Qafas Speċjali ta' Assistenza (QSA) għall-fornituri tradizzjonali mill-pajjiżi tal-AKP. Filwaqt li, fl-livell makroekonomiku, it-tnaqqis tar-rati tariffarji x'aktarx li mhumiex se jkollhom impatti maġġuri, fl-livell lokali l-implikazzjonijiet tat-tibdil fit-tariffi tan-Nazzjon l-Aktar Preferut (NAP) jistgħu jkunu importanti ħafna, dejjem skont l-istruttura għall-ispejjeż tas-settur tal-banana u l-lok għal miżuri li jnaqqsu l-ispejjeż. Il-pajjiżi kollha se jkollhom jaġġustaw għal tariffi MFN aktar baxxi u tali aġġustamenti jista' jkollhom implikazzjonijiet soċjali importanti.

Is-sitwazzjoni fil-pajjiżi tal-AKP jvarja bil-kbir: tnaqqis fit-tariffi jista' jwassal biex xi wħud mill-pajjiżi anqas kompetittivi li qegħdin ifornu l-banana, ma jibqgħux jesportaw il-banana tagħhom lejn l-UE, filwaqt li pajjiżi oħra fis-settur tal-banana jistgħu jagħmlu aġġustamenti permezz ta' sforzi ta' ristrutturar addizzjonali.

It-total tat-telf annwali marbut mad-dħul mill-esportazzjoni tal-pajjiżi anqas kompetittivi li qegħdin ifornu l-banana, jista' jkunu sinifikanti u l-konsegwenzi potenzjali ta' aġġustament fis-sitwazzjoni soċja-ekonomika u tal-użu tal-art f'dawn il-pajjiżi tista' tkun importanti.

Permezz assistenza li tammonta għal €190 miljun, il-pajjiżi tal-AKP, li matul dawn l-aħħar snin esportaw volumi sinifikanti ta' banana lill-UE, huma mistennija jibqgħu għaddejjin b'programmi immedjati ta' investiment u aġġustament u/jew iniedu oħrajn ġodda, sabiex ikunu jistgħu jirreżistu u jtaffu l-impatti tat-tnaqqis fit-tariffi.

6.2.2. Miżuri li ttieħdu wara evalwazzjoni intermedjarja/eks-post (tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Il-Qafas Speċjali ta' Assistenza (1999-2008) ipprova sostenn għal tnaqqis il-pajjiż tal-AKP li qegħdin jesportaw il-banana. L-evalwazzjoni finali ta' dan il-programm tindika li b'mod ġenerali, il-programmi dwar il-kompetittività tal-kummerċ tal-banana kienu ta' suċċess, iżda li l-programmi ta' diversifikazzjoni għandhom ikunu integrati aħjar. Wieħed jitgħallem ukoll mir-reviżjoni tal-2009 tal-Miżuri ta' Akkumpanjament għall-pajjiżi tal-Protokoll taz-Zokkor (MAPZ), li huma programm kumparabbli fir-rigward ta' tfassil u t-tipi ta' miżuri. Tagħlimiet minn dan il-

programm huma relatati mal-bżonn li jkun inkluż sostenn mill-baġit bħala modalità ta' implimentazzjoni possibbli u ta' konsultazzjoni xierqa mal-partijiet interessati matul l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni.

6.2.3. *Termini u frekwenza ta' evalwazzjoni fil-ġejjieni*

L-iskema ta' assistenza għandha tiġi monitorjata mill-bidu sal-aħħar u evalwata fl-2012. Evalwazzjoni tal-impatt għandha ssir fl-2015/2016, jiġifieri wara perjodu ta' implimentazzjoni ta' minn tal-anqas erba' snin.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-miżuri ta' kontra l-frodi li normalment japplikaw għall-assistenza tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispiża finanzjarja tagħhom

L-allokkazzjonijiet tal-impenn f' miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

(Għandhom jiġu pprovduti l-intestaturi tal-għanijiet, tal-azzjonijiet u tar-riżultati)	Tip ta' riżultat	Spiż a medj a	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4*		Sena n+5 u warajha*		TOTAL	
			Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali
GĦAN OPERATTIV Nru 1 ¹⁸	Għaxar pajjiżi tal-AKP li qegħdin ifornu l-banana se jiġu assistiti fil-proċess ta' adattament tagħhom bħala segwitu għall-iskedi tariffarji tal-UE marbutin mal-banana															
Azzjonijiet.....			75		43		41		31							
- Riżultat 1																

¹⁸ Kif deskritt fit-Taqsima 5.3.

- Riżultat 2																
SPIŻA TOTALI				75		43		41		31						

* Sabiex jitwettaq il-programm ta' azzjoni kif ukoll isiru l-ħlasjiet relatati lil hinn mill-2013, il-proposti għall-allokkazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' infiq amministrattiv ta' sostenn se jsiru fi ħdan il-qafas tal-perspettivi finanzjarji li ġejjin, li jibdew mill-2014.

8.2. Infiq Amministrattiv

8.2.1. In-Numru u t-tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Impjegati għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew supplimentari (għadd ta' karigi/FTEs)					
		Is-Sena 2010	Is-Sena 2011	Is-Sena 2012	Is-Sena 2013	Is-Sena 2014	Sena n+5 u aktar tard*
Uffiċjali jew persunal temporanji ¹⁹ (XX 01 01)	A*/AD						
	B*, C*/AST						
Persunal permezz tal-Artikolu XX 01 02	iffinanzjat ²⁰	0.67	2	2	2		
Persunal permezz tal-Artikolu XX 01 04/05	ieħor ²¹	1.67	5	5	5		
TOTAL		2.3	7	7	7		

* Sabiex jitwettaq il-programm ta' azzjoni kif ukoll isiru l-ħlasjiet relatati lil hinn mill-2013, il-proposti għall-allokazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' infiq amministrattiv ta' sostenn se jsiru fi ħdan il-qafas tal-perspettivi finanzjarji li ġejjin, li jibdew mill-2014.

8.2.2. Deskrizzjoni tal-ħidmiet li ġejjin mill-azzjoni

Koordinazzjoni mal-partijiet interessati prinċipali (fpajjizi); il-koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-Kunsill u l-Parlament; tħejjija tad-deċiżjonijiet, tħejjija tal-kuntratti, tħejjija tal-ħlasijiet, organizzazzjoni tal-istudji, il-verifiki u l-valutazzjoni, u r-rappurtar.

8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

Meta jiġi ddikjarat aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika n-numru ta' postijiet li jorġinaw minn kull wieħed mis-sorsi.

- Karigi li bħalissa huma allokatati għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jiġu ssostitwiti jew estiżi
- Karigi allokatati minn qabel fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n
- Il-karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss

¹⁹ L-ispiża tiegħu MHUWIEX kopert bl-ammont ta' referenza

²⁰ L-ispiża tiegħu MHUWIEX kopert bl-ammont ta' referenza

²¹ Li l-ispiża tiegħu hija inkluża fi ħdan l-ammont ta' referenza

- ☑ Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid bl-użu tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' amministrazzjoni (tqassim intern mill-ġdid)
- ☑ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena kkonċernata

Il-ħtiġijiet għar-riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fl-allokkazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ li jmessi fil-qafas tal-proċedura ta' allokkazzjoni annwali fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Sabiex jitwettaq il-programm ta' azzjoni kif ukoll isiru l-ħlasjiet relatati lil hinn mill-2013, il-proposti għall-allokkazzjoni ta' approprjazzjonijiet tal-infiq amministrattiv ta' sostenn se jsiru fi ħdan il-qafas tal-perspettivi finanzjarji li ġejjin, li jibdew mill-2014.

8.2.4. *Infiq amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – L-infiq fuq ġestjoni amministrattiva)*

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja (numru u intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u aktar tard*	TOTAL
1 Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż tal-persunal relatati)	0.217	0.750	0.950	0.700			2.617*
Aġenziji eżekuttivi ²²							
Assistenza teknika u amministrattiva oħra							
- <i>intra muros</i>							
- <i>extra muros</i>							
It-total tal-Assistenza teknika u amministrattiva	0.217	0.750	0.950	0.700			2.617*

* Sabiex jitwettaq il-programm ta' azzjoni kif ukoll isiru l-ħlasjiet relatati lil hinn mill-2013, il-proposti għall-allokazzjoni ta' approprijazzjonijiet ta' infiq amministrattiv ta' sostenn se jsiru fi ħdan il-qafas tal-perspettivi finanzjarji li ġejjin, li jibdedw mill-2014.

8.2.5. *Infiq finanzjarju fuq riżorsi umani u spejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u aktar tard*
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01) Persunal iffinanzjat bl-Art.						
Persunal iffinanzjat bl-Artikolu XX 01 02 (awżiljarji, END, persunal bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja ta' baġit)	0.043	0.128	0.128	0.128		
Spiża totali tar-Riżorsi Umani u l-ispejjeż relatati (MHUX fl-ammont ta' referenza)	0.043	0.128	0.128	0.128		

²² Għandha ssir referenza għall-istqarrija finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

* Sabiex jitwettaq il-programm ta' azzjoni kif ukoll isiru l-ħlasjiet relatati lil hinn mill-2013, il-proposti għall-allokazzjoni ta' approprjazzjonijiet tal-infiq amministrattiv ta' sostenn se jsiru fi ħdan il-qafas tal-perspettivi finanzjarji li ġejjin, li jibdew mill-2014.

Kalkolu – *Uffiċjali U Aġenti Temporanji*

Kalkolu – *Staff ifffinanzjat taħt art. xx 01 02*

Kif stipulat f'punt 8.2.1:

Aġent uniku fuq kuntratt grupp 4 dg dev €64,000 fis-sena li jkopri 4 xhur fl-2010 u s-snin 2011-2013. *

Aġent uniku fuq kuntratt grupp 4 dg aidco €64,000 fis-sena li jkopri 4 xhur fl-2010 u s-snin 2011-2013. *

Ħames aġenti fuq kuntratt grupp 4 għal delegazzjonijiet akp €130,000 fis-sena (inkluża infrastruttura u infiq operattiv) li jkopri 4 xhur fl-2010 u s-snin 2011-2013. *

* Sabiex jitwettaq il-programm ta' azzjoni kif ukoll isiru l-ħlasjiet relatati lil hinn mill-2013, il-proposti għall-allokazzjoni ta' approprjazzjonijiet tal-infiq amministrattiv ta' sostenn se jsiru fi ħdan il-qafas tal-perspettivi finanzjarji li ġejjin, li jibdew mill-2014.

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4 *	Sena n+5 u aktar tard*
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet		0.020	0.020	0.020		
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi						
XX 01 02 11 03 – Kumitati ²³						
XX 01 02 11 04 – Studji u Konsultazzjonijiet						
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' Tagħrif						
2 It-Total ta' Nfiq Ieħor tal-Ġestjoni (XX 01 02 11)						
3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (isspeċifika u inkludi r-referenza għal-linja tal-baġit)						
It-total tal-infiq amministrattiv, għajr ir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX		0.02	0.02	0.02		

²³ Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.

inklużi fl-ammont ta' referenza)						
----------------------------------	--	--	--	--	--	--

* Sabiex jitwettaq il-programm ta' azzjoni kif ukoll isiru l-ħlasjiet relatati lil hinn mill-2013, il-proposti għall-allokazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' infiq amministrattiv ta' sostenn se jsiru fi ħdan il-qafas tal-perspettivi finanzjarji li ġejjin, li jibdew mill-2014.

Kalkolu - *Infiq Ieħor Amministrattiv Mhux Inkluż Fl-Ammont Ta' Referenza*